MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Numru. 1178/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anne Marie Micallef]**

**vs**

**Victor Emilov Borislov**
**Nikol Plamenova Tsvetanova**

**Kumpilazzjoni Numru 1178/2010**

**Illum, 10 ta' Novembru, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Emilov Borislov ta' 20 sena, bin Emil Rafailov u Karina Micheve

nee’ Angelova, imwieled il-Bulgarija nhar it-23 ta’ Ottubru, 1990 u residenti numru 17, Triq Moroni, Gzira u detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 42416(A)

u

Nikol Plamenova Tsvetanova ta’ 16 –il sena, bint Kostandinov Plamen Cvetanov u Radostina Nikolova, imwielda l-Bulgarija, nhar l-20 ta’ Frar, 1994 u residenti gewwa numru 17, Triq Moroni, Gzira u detentrici tal-karta ta’ l-identita bin-numru 58721(A).

Akkuzati talli nhar l-20 ta’ Ottubru, 2010, f’dawn il-Gzejjer, u cioe’ minn gewwa residenza li tinsab fi Triq Sant’ Agata, Sliema, ikkommettew serq ta’ flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi il-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2, 329.37) u bil-persuna li sehh ghad-detriment ta’ Vladimir Georgiev;

Rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imutazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija u l-ammissjoni taghhom f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li hija netta. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputati rritornaw l-ammont misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------